**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' Tlieta 20 ta' Ottubru 2020.**

**Rikors nru: 247/2014 AGV**

**AB**
**Vs**
**CBD**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors datat 4 ta' Novembru 2014, ta' AB (ID nru: 412063M) debitament awtorizzat biex jirrapprezenta lill-attur, li huwa assenti, bis-sahha ta' prokura generali hawn annessa, u mmarkata Dok. A, bil-gurament jikkonferma:-

1. Illi l-kontendenti zzewgu f' Malta fil- 17 ta' April 2009, liema zwieg jinsab registrat fl-Indici tar-Registru Pubbliku bin-numru progressiv 260/2009;

2. Illi l-kontendenti kienu stabbilew id-dar matrimonjali taghhom fil-Germanja, fejn jirrisjedi u jahdem l-esponenti;

3. Illi fl-10 ta' Awwissu 2011, twieled il-minuri E li kien jghix flimkien mal-partijiet, fid-dar tal-Germanja;

4. Illi fil- 5 ta' Marzu 2013, mart l-esponent CBD nizlet tabita Malta flimkien mal-minuri E, u dana minkejja l-opposizzjoni espressa tal-esponenti;

5. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet ma ghadiex izjed possibbli minhabba inkompatibbilta' ta' karattru, kif ukoll sevizzi gravi, ingurji u mohqrija da parti tal-intimat lejn l-esponenti ;

6. Illi l-esponent ghalhekk jixtieq li jissepara *ad mensa et thoro* minn mal-intimata martu u konsegwentament ssehh ukoll ix-xoljiment u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom;

7. Illi l-esponenti jixtieq li l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri E tibqa' kongunta bejn il-kontendenti;

8. Illi stante li l-minuri llum jattendi skola f' Malta, huwa qieghed jirrisjedi mal-intimata martu, u ghalhekk l-esponenti jixtieq li tigi determinata l-modalita' ta' access tieghu ghall-istess minuri;

9. Illi l-intimata ilha snin li abbandunat id-dar matrimonjali, li hija parafernali ghal-esponenti ;

10. Illi l-esponent jixtieq ukoll li jigi dikjarat li bhala konsegwenza tas-surreferit l-intimata martu ddekadiet mill-jeddijiet konjugali kollha previsti mill-Kodici Civili ( Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

Tghid ghalhekk l-intimata in vista tal-premess ghaliex ma ghandhix dina l-Onorabbli Qorti:-

a. Tippronunzja s-seperazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba inkompatibilita' ta' karattru, kif ukoll minhabba sevizzi gravi, inguri u mohqrija da parti tal-intimata lejn l-esponenti;

b. Tiddikjara li l-intimata iddekadiet mid-drittijiet konjugali ai termini tal-artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. Tiddikjara li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti hija xolta u ghalhekk tghaddi sabiex tillikwida u tiddividi l-istess komunjoni tal-akkwisti u dana mhux necessarjment fi kwoti ugwali bejn il-partijiet;

d. Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri E tibqa' kongunta bejn il-partijiet u tistabbilixxi l-mod kif l-esponenti ghandu jkollu access ghal ibnu minuri, Matthias.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa, ingunta in subizzjoni.

Il-Qorti rat ir-Risposta Guramentata ta' CBD, fejn esponiet bir-rispett u kkonfermat dan li gej:-

1. Illi l-allegazzjonijiet kollha maghmula mir-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti permezz tar-rikors guramentat huma ghal kollox infondati u ingustifikati, u dan kif ser jigi ppruvat tul it-trattazzjoni tal-kawza odjerna quddiem dina l-Onorabli Qorti;

2. Illi fir-rigward tal-ewwel talba l-esponenti ma ghandix oggezzjoni illi tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, izda dan habba ragunijiet unikament imputabbli lir-rikorrent fosthom eccessi, mohqrija, sevizzi, minacci, theddid u ingurji gravi da parti tal-istess rikorrent fil-konfront tal-esponent, u in subsidium ghax iz-zwieg tkisser irrevokabilment- kollox kif ser jigi ppruvat tul it-trattazzjoni tal-kawza u hekk ukoll kif diga' premess mill-esponenti fil-kawza minnha pprezentata quddiem din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet ***CB pro et noe vs. AB- Rik Gur nru: 254/2014 AL );***

3. Illi fi-rigward tat-tieni talba l-esponenti qed toggezzjona kategorikament stante illi ma tezisti l-ebda raguni valida fil-ligi sabiex jigu applikati fil-konfront taghha, id-disposizzjonijiet imsemmija mir-rikorrent.

4. Illi fir-rigward tat-tielet talba, ma hemmx opposizzjoni da parti tal-esponenti;

5. Illi r-raba' talba ghandha tigi michuda, b' dan illi l-kura u l-kustodja tal-minuri E ghandha tigi fdata esklussivament f' idejn l-esponenti - dan skont kif minnha debitament mitlub fil-kawza konnessa sufferita.

6. Illi fir-rigward tal-hames talba ma ghandhix opposizzjoni da parti tal-Onorabbli Qorti, ghandu jkun limitat ghal access matul il-gurnata- dan ukoll ghal ragunijiet li ser jigu ampjament ippruvati fit-trattazzjoni tal-kawza.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti.

Rat ir-Rapport tal-Perit Mediku Dr. Anthony Galea Debono datat 13 ta' Gunju, 2016.[1]

Rat ic-certifikati mahruga minn Dr. Falko Rath, Dr. Lech Wojtakowski u ta' Dr. S. Franken.

**FATTI**

1. Il-konvenuta tispjega li hi u l-attur kienu ltaqghu fl-Ghid tas-sena 2007. L-gherusija kinet damet sentejn fejn tul dan iz-zmien, il-konvenut kien baqa' jghix il-Germanja. Wara z-zmien, ix-xhud tghid li li l-arrangjament kien minhabba li kellha sentejn *unpaid leave* ma setghetx tibqa' l-Germanja. Kienet damet b'kollox hmistax-il xahar u kienet tghix hemm b'mod permanenti. Tghid ukoll li kienet giet ghal kollox fis-6 ta' Marzu, 2013.

   Tispjega li telqet mhux ghax ma setghetx tadatta, ma setghetx tahdem peress li kienet fuq *unpaid leave*. Lanqas ma kienet isuq ghax kellhom vettura wahda u kienu juzawha l-attur u ibnu F, ma' min kienet taqbel hafna. Rigward il-lingwa kienet marret ghal-lezzjonijiet. Ir-raguni kienet li kienet imwerwra mic-cirkostanzi li kienet tghix fihom. Izid tghid li ma kellix hbieb il-Germanja, mit-tip li setghet tiftah qalbha maghhom, kellha biss *acquaintances*.

   It-terapija li sabet kienet il-pinna, ghax kienet tikteb kif qed thossha u kienet tikteb x'kien qed jigrilha. Imbaghad kienet rat psikologu Nick

[1] Ara fol. 245 tal-process.

Cachia, mir-Richmond Foundation u kienet ratu ghal xi sentejn, Peress li skond il-psikologu l-attur kien parti mill-problema, kien talbu jattendi xi sezzjonijiet. Tghid li bejn Marzu u Settembru, 2013 kienu marru hi u l-attur. F'dan iz-zmien tikkonferma li ma kinux bdew bil-proceduri ta' separazzjoni u lanqas kienu ghadhom semmewha, anzi kienet qed tipprova tirranga dan iz-zwieg.

Tikkonferma li f'Novembru, 2013 kienet dahlet lura ghax-xoghol hawn Malta. Hawn Malta ghandha dar f'Tas-Sliema u din hija parafernali. Tghid li ghandha loan fuqha.

Il-konvenuta tispjega ukoll li kienet telghet il-Germanja bit-tifel meta kellu xi hames xhur. Kien tarbija li tibki hafna u sakemm damu l-Germanja qatt ma raqad lejl shih u dan sehh biss meta gew Malta. Tametti li dak iz-zmien kienet stressjata. Kienu jinqasmu ukoll bejn iz-zewgt idjar matrimonjali li kellhom, il-Germanja u anke Malta. Ikkonfermat li l-attur kien gab xi affarijiet id-dar taghha Malta bhall-magna tal-hjata antika u kien anke halla xi deheb biex tbieghu, izda tikkonferma li kien ghadu ghandha.

Stqarret ukoll li l-joint account kien inghalaq. Xehdet dwar kont li ghandha mal-NSI barra minn Malta u kkonfermat li l-bilanc ghas-sena 2016 kien ta' 6693.73 sterlina.

Dwar spejjes tal-edukazzjoni tat-tifel minuri tghid li hemm rifuzjoni tar-registration fee wara sittax-il sena. Tikkonferma ukoll li ghandha polza ta' assikurazzjoni medika ukoll f'isem ic-Central Bank peress li hija mpjegata maghhom. Tithallas lura on a case by case basis. L-assikurazzjoni hija l-Atlas Health Insurance.

Dwar l-attur tghid li kien ghamel applikazzjoni sabiex jifdi c-cens fuq il-villa parafernali tieghu. L-ammont kien ta' cirka €16, 000 u dawn thallsu mill-komunjoni tal-akkwisti.

Bhala manteniment tikkonferma li qed tircievi l-porzjon ta' Malta biss li huwa ta' €450 u dan ghaliex hemm ammont pendenti minn naha tar-ragel taghha li jammonta ghal €3496.

2. L-attur cahad ghal kollox li hu ibati minn kundizzjoni « non-epileptic seizures » u jghid li dina hija biss skuza tal-konvenuta biex icahhdu milli jkollu access ghall-ibnu. Ikkonferma ukoll li l-gp tieghu Dr.Frank u mbaghad Dr.Stefan Franklin ghandhom ir-rekords medici tieghu u setghu jikkonfermaw dan.

Ighid li gieli kien hemm okkazzjonijiet f'hajtu fejn kien hassu hazin, izda dan ma kienx iktar minn hames darbiet u kien minhabba li kienet tinzillu l-pressjoni.

Jispjega li fis-sena 2006, ghadda minn zmien hazin u kellu hafna tensjoni relatat max-xoghol. B'hekk dan affettwa il-mistrieh tieghu matul il-lejl. Wara li kellem tabib, issugerilu li jaghmel tests tal-irqad go laboratorju, minn fejn irrizulta li waqt l-irqad tal-lejl ma kienx qieghed jiehu mistrieh normali ghax kien kontinwament jahseb fuq ix-xoghol. Kien ghalhekk li kienu ssuggerewlu *breathing apparatus* biex tghinu jiehu n-nifs waqt l-irqad. Jichad li kien ibati minn sleep apnoea, izda kellu problemi ta' rqad. Dwar ic-certifikat DOK. JVV 21A ighid li dan kien certifikat standard mahrug u talab li jinhargilu sabiex ikun jista' jgib il-magna mieghu mill-Germanja u jghaddih mis-sigurta' l-ajruport.

Kien f'dan iz-zmien li kien iltaqa' mal-konvenuta. Malli bdew jonqsu l-problemi fuq ix-xoghol kien hassu ahjar u l-GP tieghu kien irrakkomandalu li ma kellux bzonn juza' dan l-apparat.

Dwar ic-certifikati medici li esebit il-konvenuta, ighid li l-konvenuta marret tfittixhom ghall-finijiet tas-separazzjoni, li diga' kienet ippjanat.

Jispjega ukoll li l-kumpanija fejn kien jahdem bdiet titmexxa minn kumpanija ohra u riedu jdahhlu n-nies taghhom u allura spicca redundant.[2] Bejn il-perjodu tal-1 ta' Ottubru, 2016 sal-15 ta' Mejju, 2017 kien ircieva €1960 bhala unemployment benefits fix-xahar. Imbaghad ighid li beda jiehu l-beneficcji tal-mard li kienu jammontaw ghal €1, 700. Meta telaq mix-xoghol kienu tawh is-somma ta' €130, 000 grossi u hallas it-taxxa fuqhom u spicca ha xi €80, 000. Dawn il-flejjes dahlu fil-kont tal-Konkors Bank. Kien imbaghad ittrasferihom go kont savings, peress li l-iehor kien current. Ma semmihomx bhala assi tal-komunjoni peress li diga' min jeddu kien qed ihallas €500 manteniment ghall-minuri. Sadanittant ighid li kien baqa' jiehu l-paga minn Frar sa Settembru, 2016 cirka €3, 000 netti. Ighid li ddikjara dan l-ammont peress li dak iz-zmien kien jircievi ukoll xi kera fl-ammont ta' €1000 u l-€1,900 kienu mill-impjieg tieghu. Kien jikri l-villa l-Mellieha ghall-ammont ta' €1000 fix-xahar u peress li kien joqghod il-Germanja kien jipprova jikrih ghall-*long lets.*

Jikkonferma li kien hemm *overpayment* tac-childrens allowance l-Germanja ghall-perjodu bejn April, 2013 u Ottubru, 2014 u dan l-attur jikkonferma li hallashom lura. Dawn il-flus imbaghad skond id-Dipartiment kellhom jigu ttrasferiti fuq il-konvenuta peress li l-minuri kien joqghod maghha, pero' ma setax jikkonferma jekk dan kienx sar.

---

[2] DOK. JVV 15 A

Dwar l-appartament li kien jikri minghand ommu, l-attur ighid li kien qed ihallas €150 fix-xahar ghall-ispejjes ta' manutenzjoni u ghas-seftura, izda dawn l-ispejjes mhumiex attwali. Fil-fatt kien hallas dawn l-ispejjes ghal sena, ghax il-post dam mhux mikri ghal dan il-perjodu. Li jhallas biss regolarment huma €25 ghat-tindif tal-appartament.

Dwar il-kont ma' Sparkasse Bank ighid li dan il-kont ilu ghandu ghal tlettin sena. Fih tidhol il-paga u dwar il-flus li kien jigbed fl-ammont ta' €665 fix-xahar, ighid li dawn kienu ghall-hajja. Ighid li l-konvenuta kellha access ghal dan il-kont meta kienet marret il-Germanja fl-2013. Izda kien waqfilha l-cards meta nduna li minn wara daharu kienet marret tiehu parir minghand avukat ghas-separazzjoni.

Dwar il-*car loan* jispjega li dina l-karozza qiegdha ghandu l-Germanja u tintuza minnu u t-tifel tieghu mill-ewwel zwieg. Kien anke hallas il-loan li kien hemm fuqha fl-ammont ta' €5, 500.

Dwar il-mejda u sitt siggijiet li inxtraw ikkonferma li dawn kienu nxtraw bhala kommunjoni u kienu jammontaw ghal €2030 u kienu ghadhom jinstabu l-Germanja.

Dwar il-hlas ta' manteniment ghall-minuri kien iddikjara €1000 meta effettivament kien ighaddi lill-konvenuta €500 u dan peress li kien jittrasferixxi dan l-ammont fil-kont bankarju f'Malta biex ikun hemm flus ghalih ukoll biex ikollu meta jigi jara lit-tifel.

Ikkonferma ukoll li mill-kont tieghu kien hallas ghall-ghamara tal-appartament fejn it-tifel tieghu mill-ewwel zwieg kien joqghod meta beda jattendi l-Universita' Munster, filwaqt li anke kien ihallas xi vjagg ghal istess tifel.

3. GD omm il-konvenuta tghid li meta l-partijiet kienu jghixu l-Germanja kienet marret ghal ftit, izda kienet infurmat lil oht konvenuta li ma kinitx regghet sejra u dan minhabba l-fatt li kienet rat certi atteggjamenti tal-attur fil-konfront tal-minuri, li ma kinitx taqbel maghhom.

   Izid tghid ukoll li lill-attur ma tantx kienet tarah kuntent. Kienet indunat ukoll li l-atmosfera bejn il-partijiet ma kinitx wahda ferriehi u kien jidher li kien hemm it-tilwim bejniethom. Tghid ukoll li l-konvenuta kienet qaltilha li l-attur ibati minn sleep apnoea.

   Tispjega li kien hemm xi zmien meta, waqt li l-attur kien qieghed il-Germanja, il-konvenuta giet tghix hawn Malta u tul hames xhur shah li damet hawn, l-attur lanqas biss qatt kien staqsa ghat-tifel.

   Omm il-konvenuta tikkonferma li kienet sellfet xi flus lill-konvenuta ghall-attur qabel iz-zwieg u llum kien hallas dan l-ammont. Tghid ukoll li kienet tat lil bintha 10, 000 (ma setghetx tiftaker jekk kinux euros jew liri Maltin) li kienu ddepositati l-bank f'isimha u dan sabiex ikollha bizzejjed flus ghall-bzonnijiet li kienu jistghu jinqalghu bil-mewt taghha.

4. ID, oht il-konvenuta, tispjega li meta ohtha kienet izzewwget u kienet tqila, kienet baqghet Malta, minkejja li l-attur kien joqghod il-Germanja. Tikkonferma li l-konvenuta kienet tikkomunika mal-attur tramite Skype u tghid li darba minnhom kienet intebhet li l-konvenuta kienet qiedgha tibki, izda ma kinitx ikkonfrontatha fuqha.

   Izid tghid li kienet tmur sal-Germanja ta' spiss, peress li kienet tahdem bhala pulizija u kull tlett xhur kienet titla' Strasbourg u mbaghad tibqa' sejra lejn il-Germanja biex izurhom. Ghall-bidu tghid li ma kienx ikun

hemm problemi u kienet thossha komda, izda kienet taf ghalkemm hi *happy go lucky*, filwaqt li l-attur kienet issejjahlu Forrest Gump, peress li kien dejjem jidher bil-geddum.

F' Novembru, 2012 kienet irceviet messagg minghand ohtha li kienet infurmatha li l-affarijiet bejnha u l-konvenut ma kinux sejrin tajjeb u xtaqet tati naqra spazju lill-attur. Kienet ftit wara telghet il-Germanja u din id-darba ma hassitix komda ghaliex l-attur kien indifferenti maghha  u kien il-hin kollu fuq il-mobile jibghat il-messaggi.

Il-konvenuta u t-tifel kienu nizlu lura max-xhud u l-konvenuta kellha l-intenzjoni li tmur *counselling*. Kienu ukoll ikkomunikaw maghha hu l-attur J u martu, li kienu ndunaw li kien hemm xi problemi. Kienu tkellmu ma' oht il-konvenuta u ssuggerew il-counselling ukoll. Fil-fatt hekk gara u tghid li kienet izommilhom it-tifel dak iz-zmien sabiex imorru.

F'Jannar, 2013, ohtha kienet marret lura l-Germanja, flimkien mal-attur u f'Marzu regghet giet lura u kien hawn li l-konvenuta bdiet tiftah qalbha maghha. Oht l-attrici tghid li baqghet tinsisti sabiex imorru *counselling* u hekk fil-fatt gara. Imbaghad  bejn Gunju, 2013 sa Ottubru, 2013, sakemm l-attur kien qieghed il-Germanja m'ghamel ebda kuntatt biex jara kif inhu t-tifel. Lanqas ghall-birthday tieghu f'Awwissu ma kkomunika mieghu.

FKB, bin l-attur, minn zwieg iehor ma' mara Germaniza. Ighid li l-genituri tieghu kienu ddivorzjaw fis-sena 1996 u kien fdat fil-kura u kustodja tal-attur. Ighid li r-relazzjoni bejn il-genituri tieghu kienet baqghet tajba. Ighid li missieru kien rabbieh sew u dejjem kien hemm ghalih, tant li kieku ma kienx jasal biex jattendi l-Universita' l-Germanja biex jiggradwa f'business administration u jiffinanzja l-istess studji.

Meta ltaqa' mal-konvenuta kienet tidher bniedma simpatika. Kienet giet tghix il-Germanja meta t-tifel E ghalaq erba' xhur. Ighid li kien beda l-Universita' u ghalhekk kien ikun hemm biss fil-weekends. Ighid li kien induna li l-partijiet kien ikollhom opinjonijiet kontrastanti fuq it-trobbija ta' E. Il-konvenuta ma tantx kienet tiehu gost thalli lill-minuri mal-attur jew mieghu u riedet tkun dik li tiehu l-ahhar decizjoni fil-konfront ta' binha. Izid ighid ukoll li l-konvenuta kienet tilmenta mal-attur li ma kienx iqatta' hafna hin mill-minuri, imma ghalih dan ma kienx minnu ghax missieru kien jinvolvi ruhu fil-hajja tal-minuri.

Kien jara li l-konvenuta ma kinitx kuntenta tghix il-Germanja u kienet thoss in-nuqqas tal-familja taghha, tant li kienet tqatta' hafna hin tkellem lil ommha fuq Skype. Kienet nizlet Malta biex tivvota u ma regghetx marret lura l-Germanja u l-attur kien dizappuntat hafna.

Bin l-attur jikkonferma li missieru ghandu relazzjoni tajba mal-minuri E u nnega li l-attur ibati mill-mard imsemmi mill-konvenut. Isemmi ukoll li l-konvenuta kienet taghmel minn kollox biex tevita *sleepovers* tal-minuri mal-attur.

Jistqarr li l-konvenuta ghad ghandha d-deheb tieghu u ta' missieru, kif ukoll xi oggetti tad-dar tal-attur li baqghu ghandha.

5. LM, oht l-attur kienet iltaqghet mal-konvenuta meta bdiet tohrog mal-attur. Tghid li l-konvenuta kienet turi hafna rispett lejn il- genituri taghhom u kienet titkellem u turi interess fl-istudji tat-tfal taghha. Kienet, flimkien m'ommha kemm il-darba accenat ghall-fatt li t-tfal taghhom kienu mrobbijin tajjeb.

Omm il-konvenuta kienet tirrimarka li A kien imidd idu ghax-xoghol fl-appartament tal-konvenuta. Tghid li qabel ma twieled it-tifel minuri E, l-attur kien ammetta maghha li kien qed jahdem hafna peress li ried ilahhaq mal-ispejjes finanzjarji tal-edukazzjoni tat-tifel tieghu FK, li kien twieled mill-ewwel zwieg tal-attur.

Tikkonferma li meta l-konvenuta marret tghix il-Germanja, kien zmien difficli ghall-attur u ta' incertezzi, minhabba li l-kumpanija fejn kien jahdem kienet qed taffaccja diversi problemi u kien jibza' li jispicca minghajr xoghol. Xorta kien jaghmel hiltu biex jiehu hsieb il-bzonnijiet tad-dar ghaliex il-konvenuta kienet impenjata bit-tifel minuri. Tistqarr ukoll li l-attur kien mdejjaq ghaliex il-konvenuta ma kinitx thallih mieghu u din il-problema baqghet tippersisti anke meta l-konvenuta giet lura Malta u ma kinitx marret lura. Anke meta l-attur kien jigi lura Malta, il-konvenuta ma tantx kienet tinkoragixxi lill-minuri biex imur ma' missieru.

Izid tghid li meta jigi Malta, l-attur joqghod f'appartament tal-familja u jhallas lil ommu €350 kera fix-xahar u dan sabiex ikollu post ghall-ibnu anke biex iraqqdu mieghu.

6. JB hu l-attur jikkonferma li huh kien issepara mill-mara li kellu mill-ewwel zwieg u kien rabba lit-tifel tieghu FK wahdu u tah trobbija tajba hafna.

Ir-relazzjonijiet bejn FK u l-attur huma tajbin hafna.

Dwar il-konvenuta jikkonferma li keinet tiftah qalbha ma' martu u milli jidher kien hemm xi dizgwid rigward it-trobbija tal-minuri. Iddecidew li ma riedux jindahlu bejniethom. Minn mindu l-minuri gie jghix Malta, flimkien m'ommu, l-attur jinzel kull erba' jew sitt gimghat biex jarah u meta jkun mieghu jkun kuntent hafna u dan seta' kkonfermah peress li kien

joqghod vicin. Ikkonferma ukoll li l-attur kien joqghod go appartament, fejn ommu kienet uzufruttwarja u kien ihallasha l-kera.

Ikkonferma ukoll li l-attur kien ghaddej minn perjodu hazin fuq ix-xoghol u kien ra tabib u kien issuggerilu li juza' magna tal-ossigenu sabiex ikollu raqda tajba. Jichad li huh kien ibati minn sleep apnoea.

7. ND, hu l-konvenuta jikkonferma li ohtu kienet tkellmet mieghu dwar il-fatt li l-attur kellu problema ta' sleep apnoea.

   Kien biss f'Marzu, 2013 li sar jaf li l-kontendenti kellhom problemi fiz-zwieg ghax il-konvenuta giet tghix Malta. Kien jaf ukoll li l-konvenuta kienet iltaqghet mal-genituri u ma' hu l-attur biex maghhom tiddiskuti l-problemi taz-zwieg taghhom. Ighid ukoll li l-konvenuta kienet qaltlu li mart hu l-attur kienet qaltilha li huh J kien cempillu biex ighidlu li ghandu jkun iktar tolleranti mal-minuri u minflok qataghlu t-telefon.

   Sar jaf ukoll li l-attur kien qata' kull kuntatt mal-konvenuta kif ukoll mal-minuri. F'Awissu, 2013, kien il-*birthday* tal-minuri u ghamlulu celebrazzjoni, izda l-attur ma kienx gie mill-Germanja biex jiccelebra mieghu.

   Il-problemi kienu minhabba idejat differenti kif irabbu lill-minuri. L-attur kien jinsisti li ghandha thallih jibki u gieli kienet isib it-tifel f'tarf it-tarag meta suppost kien qed jiehu hsiebu l-attur. L-attur kien jopponi ukoll li ghandha tiehu l-minuri ghand it-tabib.

   Hu l-konvenuta jsemmi diversi episodji fejn l-attur kien hareg bhala persuna inaffidabbli u makakk.

   Izid ighid ukoll li kellu jispicca jsellef il-karozza tieghu lill-konvenuta, peress li dik li kellha kienet qadima u ta' kuljum kellha xi ntopp.

Jikkonferma li l-licenzji u l-manutenzjoni qed jithallsu kollha mill-konvenuta.

Jikkonferma ukoll li l-kontendenti dejjem kellhom l-intenzjoni li jigu lura Malta meta t-tifel tal-attur mill-ewwel zwieg jibda l-Universita'.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

**<u>RESPONSABBILITA'</u>**

Il-kontendenti pprezentaw zewg kawzi differenti fl-ismijiet inversi. L-attur qed izomm lill-konvenuta responsabbli ghat-tifrik tal-hajja mizzewwga minhabba nkompatibbilita' ta' karattru, sevizzi gravi, ingurji u mohqrija kommessi da parti taghha.

Il-konvenuta da parti taghha tikkundanna l-agir tal-attur u taghti t-tortijiet lilu minhabba eccessi, mohqrija, sevizzi, minacci, theddid u ngurji gravi, tant li z-zwieg tkisser irrevokabilment.

L-attur jikkontendi li l-konvenuta kienet tbati minn post-natal depression u flimkien mal-fatt li ma setghetx tadatta ghall-hajja fil-Germanja dawn kollha kienu fatturi li kkontribwixxew ghat-tifrik fiz-zwieg taghhom. L-attur jsemmi li l-konvenuta kienet *close* hafna tal-familja taghha u kienet thoss in-nuqqas taghhom. Izid ighid ukoll li l-konvenuta kellha problema in kwantu ma kinitx tafda lill-attur bil-minuri. Jirrizulta ukoll li kellhom idejat divergenti dwar il-mod kif ghandu jitrabba l-minuri. Omm il-konvenuta tiddeskrivi li meta kienu ghandhom il-Germanja u l-minuri kien qed jibki, il-konvenuta ma kinitx marret hdejh peress li qaltilhom li l-attur ma kienx ikun iridha taghtih attenzjoni.

Kien hemm ukoll element ta' *over protectiveness* da parti tal-konvenuta, li kien iwassal sabiex l-attur jigi mcahhad milli jqatta' hin ma' ibnu. Il-ftit

cans li kien ikollu kien meta l-konvenuta kienet tattendi *evening classes* tal-lingwa Germaniza, li kien insista maghha l-attur li ghandha tattendi biex tbiddel naqra mill-ambjent tad-dar. Madanakollu jidher li din ma tantx kienet tattendi b'mod regolari. Dan huwa kollu kkonfermat minn bin l-attur mill-ewwel zwieg tieghu.

Ighid ukoll li l-konvenuta ngannatu, ghax meta sabet il-mument opportun, kienet giet Malta bil-minuri, bil-pretiza li tivvota, baqqghet hawn u ma regghetx marret lura mal-attur.

Il-konvenuta da parti taghha kienet ilha thoss li dan iz-zwieg kien sejjer lura u kienet anke hadet parir biex imorru *counselling*. Iz-zwieg kien jidher li beda sejjer lura meta saret taf li l-attur kien ibati minn *sleep apnoea,* xi haga li jinnega tul il-proceduri. Isostni li c-certifikati mahruga dwar dina l-kundizzjoni kienu nhargu fi zmien meta kienet ghaddej minn sitwazzjoni nstabbli fuq ix-xoghol, peress li kienu bdew ikeccu lin-nies. Ighid ukoll li dawn ic-certifikati kienu jehtiegu li jiddikjaraw li ghandu *sleep apnoea* peress li kellu bzonnhom sabiex itella' makkinarju ta' *breathing apparatus* fuq l-ajruplan.

Hemm diversi konflitti bejn ic-certifikati li pprezenta l-attur u dak li xehed.

Ciononostante, il-fatt li l-attur ibati minn sleep apnoea ma jwassalx biex ikun estrem ghas-separazzjoni, izda l-fatt *per se* li l-attur heba dina l-informazzjoni mill-konvenuta huwa gravi.

Hemm iktar cirkostanzi li juru li l-attur kien jahbi mill-konvenuta u mhux dejjem kien sincier maghha, partikolarment meta ma semma xejn dwar is-somma li ha mir-redundancy.

Ir-relazzjoni mat-tifel juri li l-attur kellu idejat ferm differenti mill-konvenuta dwar it-trobbija tal-minuri u dan jista' jaghti l-kaz peress li kien irabbi lit-tifel tieghu mill-ewwel zwieg wahdu. Dawn id-divergenzi wasslu

ghal hafna dizgwid bejn il-kontendenti. Omm l-konvenuta tikkonferma li l-konvenuta donnha kienet tibza' mill-attur u kienet tisma' minghandu meta ma ridiex taghti attenzjoni lill-minuri waqt li kien qed jibki, okkazzjoni li halliha mdejjqa. L-istess tghid oht l-konvenuta li l-attur beda iktar isir distakkat minnhom meta kienet izzurhom.

Fid-dawl ta' dan kollu jirrizulta li jezistu ragunjiet sufficjenti sabiex l-attur jinzamm responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg minhabba sevizzi u eccessi.

**<u>KURA U KUSTODJA TAL-MINURI MATHIAS</u>**

L-attur qed jinsisti li ghandu jkun hemm kura u kustodja kongunta tal-minuri stante li jkun fl-ahjar interess tieghu u fuq kollox jekk dan ma jsirx ikun hemm ir-riskju li jigi aljenat minn missieru. Il-konvenuta m'ghandhiex l-istess pretensjonijiet. Ghaliha l-minuri ghandu jigi fdat fil-kura u kustodja esklussiva taghha u dan minhabba l-fatt li l-attur ighix il-Germanja u qatt ma tah hafna importanza lill-minuri. Inoltre, minhabba l-*epileptic fits* u s-*sleep apnoea,* li bihom takkuza lill-attur li jbati minnhom, tirrileva li mhux missier idoneju biex jiehu hsieb il-minuri.

Kif diga' nghad minn dina l-Qorti, il-mod tat-trobbija tal-minuri E, kienet dejjem tat lok ghal dizgwid bejn il-partijiet. L-attur minn dejjem ihoss li gie mwarrab mill-minuri, minkejja li jinzel frekwentement Malta biex ikun ma' ibnu.

Il-Qrati dejjem ghandhom iharsu l-interessi tal-minuri irrispettivament mill-problemi li qed jaffaccjaw il-partijiet. Illi fuq din il-portata d-decizjoni

fl-ismijiet **M.Bonnici vs Onor. J. Raynaud** deciza fl-1947 (Vol. 33D 1947) addottat is-segwenti rekwiziti:-

***« Il-principju li ghandu jipprimeggja, meta l-Qorti tigi biex taghti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa ssuggerit mill-aktar utilita' u dik tal-aqwa vantagg ghall-interess tal-istess tfal. »***

Huwa minnu kif ippuntwalizza l-attur meta ccita mis-sentenza **Sarah Anne Duca vs Clint Xuereb deciza fid-9 ta' Gunju, 2016 li:-**

> ***« Idealment il-kura u kustodja ta' minuri tkun kongunta bejn il-genituri. Anke mill-aspett psikologiku hu essenzjali ghall-minuri li kemm ommu kif ukoll missieru, ikunu parti minn hajtu u jippartecipaw attivament fid-decizjonijiet kollha li jkunu qed jikkoncernaw lill-istess minuri. »***

Mir-rizultanzi processwali jirrizulta li l-kontendenti ma jaqblu fuq xejn u anke ghall-iskrizzjoni tal-minuri f'skola kien hemm dizgwid. Tenut kont ta' dan dina l-Qorti thoss li jekk kemm il-darba kellha tilqa' t-talba attrici, il-partijiet ser ikunu telghin u niezlin il-Qorti b'diversi rikorsi stante nuqqas ta' qbil fuq l-istess minuri. Dan iwassal ghall-inqas stabbilita' f'hajjet il-minuri, kif ukoll ifassal ghal izjed tenzjoni fuq l-istess u dan sikurament mhux fl-ahjar interess tieghu. Minkejja li taqbel mar-ragunament tal-attur, dina l-Qorti thoss li ghandha tissalvagwardja mhux biss l-interessi tal-minuri fuq livell psikologiku, izda ukoll fuq livell emottiv.

Ghaldaqstant, ikun fl-ahjar interessi tal-minuri, li l-kura u kustodja tkun wahda esklussiva ghall-konvenuta.

**ACCESS**

La darba gie deciz li l-konvenuta ghandha jkollha l-kura u kustodja eskluzziva tal-minuri E ghandu jigi ddeterminat l-access tal-attur ghal istess minuri, tenut kont tal-fatt li jghix barra minn Malta. Jigi ssottolineat li l-access jista' jigi ezercitat biss meta l-attur ikun jinstab Malta. F'dak il-kaz l-access ghandu jigi ezercitat fis-segwenti mod:-

i) Fil-granet skolastici, mit-Tnejn sal-Gimgha mill-hin li l-minuri jispicca l-iskola sas-sitta u nofs ta' filghaxija, filwaqt li fit-tmiem il-gimgha, mis-Sibt fid-9 am u jirritornah il-Hadd fil-5 pm ;

ii) Matul il-btajjel skolastici, mit-Tnejn sal-Gimgha mill-hin li l-minuri jispicca summer school, jew jekk ma jkunx skola mid-9 am u jerga' jirritornah fir-residenza tal-omm fis-7 pm. Filwaqt li fit-tmiem il-gimgha, il-missier ghandu jigbor lill-minuri mir-residenza tal-omm is-Sibt fid- 9 am u jirritornah il-Hadd fil-5 pm sakemm il-minuri ma jkollux attivitajiet extra-kurrikulari li jirrikjedu varjazzjoni fil-hin tal-access.

Dan l-access jigi ezercitat <u>biss sakemm l-attur ikun Malta ghal perjodu ta' mhux izjed minn gimaghtejn u ma jinkludix iktar minn zewg weekends fix-xahar. Inoltre, meta l-attur ikun gej Malta ghandu jaghti pre-avviz lill-konvenuta tramite email jew sms tal-anqas mhux inqas minn gimaghatejn qabel kull zjara.</u>

Jekk l-access jahbat f'gurnata li hija festa pubblika jew xi festa ohra dan ghandu jinqasam bejn il-partijiet b'mod alternattiv, skond kif dekretat fid-digriet datat 14 ta' Lulju, 2017, jekk kemm il-darba l-attur jinserta qieghed Malta, hlief jekk huwa Jum il-missier jew gheluq snin l-attur. Fl-gheluq snin il-minuri, il-gurnata ghandha tinqasam bejn il-partijiet, l-access ghall-missier ikun mid-9 am sas-1 pm biss, meta ghandu jirritornah lill-konvenuta.

Fi kwalunkwe mument waqt l-access, l-attur ghandu dejjem jiehu lill-minuri ghall-attivitajiet kollha tieghu meta jkollu l-access, kemm dawk extra-kurrikulari, kif ukoll dawk ta' edukazzjoni, inkluza s-*summer school*. Inoltre, ghandu jaccerta ruhu li l-minuri jkun lest mill-*homework* kollu.

Rigward l-ivvjaggar tal-minuri, dina l-Qorti timpedixxi li l-attur ikun jista' jsiefer lill-minuri mieghu, hlief bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti, filwaqt il-passaport ghall-minuri jista' jinhareg minghajr il-kunsens tal-missier u ghandu jinzamm mill-konvenuta.

**<u>MANTENIMENT</u>**

**Ghall-konvenuta**

Il-konvenuta qiedgha titlob manteniment minghand ir-ragel taghha l-attur. Huwa minnu li l-konvenuta qed trabbi lill-minuri u ghandha impjieg part-time. Ciononostante, m'ghandha xejn x'jimpediha, kif issottometta l-attur, milli tmur tahdem, iktar u iktar meta mill-assjem tal-provi rrizulta li l-

konvenuta ghandha hafna ghajnuna minghand il-familjari taghha, kif ukoll l-iskola toffri diversi servizzi ghal min jahdem.

Fi kliem il-Qorti stess fis-sentenza **Mary Grace Lia vs Louis Lia,** deciza
f fl-20 ta' Frar, 2020:-

***« Il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti ghandha l-potenzjal li tahdem b'mod regolari u tippercepixxi introjtu biex tghix f'kundizzjoni tajba. Ghalhekk hija ghandha l-potenzjal li zzomm lilha nnifisha materjalment minghajr htiega ta' manteniment minghand zewgha. Ma jirrizultax li ghandha diffikulta' jew impediment biex tkompli tahdem u taqla' l-ghixien taghha. »***

In vista ta' dan ma jirrizultax li hemm lok sabiex dina l-Qorti tilqa' t-talba tal-konvenuta ghall-manteniment taghha.

**<u>Ghall-Minuri</u>**

Hemm verzjonijiet konflingenti bejn il-partijiet dwar l-ammont ta' manteniment li ghandu jithallas ghall-minuri. Huwa stat ta' fatt li skond digriet tas-6 ta' Settembru, 2014, l-attur gie ordnat ihallas manteniment fis-somma ta' €500 ghall-minuri, liema somma, mbaghad kien talab li titnaqqas, izda dina kienet giet rifjutata minn dina l-Qorti.

L-attur qed jitlob li ghall-finijiet tas-sentenza dina s-somma titnaqqas ghal €300, inkluz l-edukazzjoni u sahha, filwaqt li l-konvenuta qed titlob li l-manteniment jibqa' fl-ammont ta' €500, mentri l-ispejjes edukattivi u tas-sahha ghandhom jinqassmu bejn il-partijiet.

Il-konvenuta qed tibbaza t-talba taghha fuq il-fatt li l-attur kontinwament jipprova jingannaha. Kien hemm kwistjonijiet li effettivament baqa' jzomm ic-childrens allowance ghalih, meta fl-istess waqt kien qed ihallas

il-manteniment. Mill-assjem tal-provi jirrizulta li kien hemm ordni ghar-rifuzjoni tac-childrens allowance lill-konvenuta u dana peress li minn April, 2013 meta telqet, sa Dicembru, 2018 kienet thallset l-arretrati ta' dan ic-childrens allowance fl-14 ta' Marzu. 2019 u minn dakinhar 'l hemm qatt ma rceviet xejn minghand l-Awtoritajiet Germanizi.

Inoltre, l-attur kien tnehha minn fuq xoghol minhabba *redundancy* u skond il-konvenuta dan kien biss arrangjament biex ma jkomplix jahdem a skapitu taghha u ta' binhom.

Hemm cirkostanzi ohra li jpoggu f'dubbju l-integrita' tal-attur, in kwantu hemm verzjonjiet konfliggenti dwar il-kirja tieghu tal-Villa li ghandu. Ighid li jikriha ghal €1, 000 fix-xahar, meta mbaghad kien qed jirreklama l-villa ma' Simon Mamo Real Estate ghal €3,000 fix-xahar. Fuq dan jibbaza ukoll l-introjtu tieghu li jghid jammonta ghal €2, 000 fix-xahar, fejn €1, 000 huma r-rizultat tal-kirja u l-*unemployment benefit.*

Sabiex jezonera ruhu mill-pagamenti ta' manteniment f'ammonti sostanzjali, l-attur ipproduca provi sabiex jikkonvinci lil dina l-Qorti li huwa llum psikologikament ma jinstabx tajjeb minhabba l-istress ikkagunat mis-separazzjoni u ghalhekk mhux f'posizzjoni li jahdem, meta effettivament sa minn qabel ma kellu problemi maritali ma kellux dawn il-problemi. Dan jirrizulta minn analizi maghmula minn diversi professjonisti tobba fosthom l-ispecjalista Falko li dwar l-attur kellu xi jghid li "***is still incapacitated for work due to depressive illness."***

L-attur jirrizulta anqas kredibbli fix-xhieda tieghu in kwantu jirrigwarda l-introjtu tieghu, hemm wisq inkonsistenzi li jixhtu dawl ikrah fuq il-verita'. Huwa wisq koincidenza li l-attur beda bi problemi ftit wara li telqet il-mara

u dan sabiex ikollu pretiza biex jonqos milli jonera dawk li huma r-responsabbilitajiet tieghu.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti tikkonferma li l-manteniment ghall-minuri E ghandu jkun ta' €500 fix-xahar, li ghandu jithallas xahar bil-quddiem permezz ta' *standing order* f'kont indikat mill-konvenuta, filwaqt l-ispejjes edukattivi u tas-sahha jinqasmu bejn il-partijiet. Il-manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja u ghandu jibqa' jithallas sakemm it-tifel jibda jahdem, jew isir maggorenni liema wahda minn dawn tavvera ruhu l-ewwel, jew sakemm jaghlaq 23 sena jekk kemm il-darba ikompli jistudja full-time.

## DEKADENZA

Dwar id-dekadenza ai finijiet tal-Artikolu 48 u l-Artikolu 52 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta. L-artikolu 48 hija wahda tassattiva jekk kemm il-darba l-htija tirrizulta minhabba adulterju u/jew abbandun. L-applikazzjoni tal-Artikolu 52 ghandu jigi applikat biss fid-diskrezzjoni tal-Qorti, jekk kemm il-darba l-htija ma tirrizultax minn adulterju u/jew abbandun. Wara li dina l-Qorti analizzat ir-rizultanzi processwali thoss li l-htijiet li wasslu ghas-separazzjoni mhumiex gravi daqstant li jwasslu ghall-applikazzjoni tal-istess artikoli.

## KOMUNJONI TAL-AKKWISTI

Il-konvenuta pprezentat diversi pretensjonijiet in kwantu jirrigwarda l-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Fosthom hemm l-assi rizultanti mill-kontijiet bankarji tal-attur,[3] li flimkien jammontaw

[3] Ara Dok. NTS LVC 2

ghal €80,308.20. Maghhom imbaghad skond il-konvenuta ghandhom jinghadu l-pretensjonijiet l-ohra li jirrizultaw skond id-dokument “Dettalji tal-Aggustamenti” mehmuza man-nota ta’ sottomissjoni taghha.

Inoltre, il-konvenuta zdiedet maghhom ukoll il-kontijiet bankarji taghha li ukoll huma mehmuza man-nota ta’ sottomissjonijiet taghha u dawn jammontaw ghal €7,288.79 u wara li saru l-aggustamenti, it-total dovut lill-attur huwa ta’ €12,514.29.

L-attur ma pproduca l-ebda prova sabiex jikkontesta dawn il-pretensjonijiet u lanqas il-valur taghhom, ghajr ghal tnejn minnhom, primarjament u b’mod partikolari ghar-redundancy fee li rcieva li skond il-konvenuta kien jammonta ghal €101,923.98. L-attur jopponi ghal dan l-ammont peress li skond hu kien ircieva l-ammont ta’ €130,000. liema ammont imbaghad kien tnaqqsu minnu t-taxxi u kien ircieva biss is-somma ta’ €74,276.68. Ciononostante, jirrileva ukoll li dan l-ammont ircevih biss wara li kienu ottjenew id-divorzju fid-29 ta’ Awwissu, 2014 u ghalhekk ma kienx formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

Id-divorzju per se jwassal ghax-xoljiment taz-zwieg u ghalhekk ma tibqax funzjonanti l-komunjoni tal-akkwisti. Jista’ jinghad ukoll li r-redundancy kienet tmur lura fiz-zmien, meta kien ghadu japplika r-regim tal-komunjoni tal-akkwisti, imma effettivament dawn l-assi dahlu iktar tard u ma jistghux jigu ikkalkolati retroattivament. Ghaldaqstant, taqbel mat-tezi tal-attur, li r-*redundancy fee* kienet x’kienet m’ghandhiex tigi mdahhla fil-likwidazzjoni tal-komunjoni.

It-tieni nett, il-konvenuta ukoll qed tippretendi li ghandha tiehu nofs l-ammont ta' Christmas bonuses imhallsa lill-attur mill-impjegat tieghu kif ukoll nofs l-ammont tas-salarju mhallsa lilll-attur ghax-xhur April, 2015 sa Frar, 2016. Ghal darb'ohra, ir-regim tal-komunjoni ma jistax japplika hawnhekk peress li diga' kienet inghatat sentenza tad-divorzju. Apparti minn hekk, il-konvenuta kellha biss dritt li titlob il-manteniment minn dan l-introjtu, meta effettivament hekk kien qed jigri ghaliex l-attur kien qed ihallas lill-konvenuta l-manteniment ghall-minuri.

Ghaldaqstant, l-likwidazzjoni ghandha ssir fis-segwenti mod:-

**Lill-konvenuta**

**i)** Mill-kontijiet bankarji tal-attur ghandhom jitnaqqsu sehemha mir-redundancy fee fl-ammont ta' €50,961.99;

ii) Mill-aggustamenti jitnaqqsu l-pretensjoni numru 11 fl-ammont ta' €2, 582.13 u numru 12 fl-ammont ta' €16,500.

iii) Jigu kkonfermati s-sehem tal-konvenuta mill-kontijiet bankarji l-ohra, flimkien mal- aggustamenti minn punt 1 sa 10.

It-total li ghandha tircievi l-konvenuta huwa dak ta' €70,792.

**Lill-attur**

i) Il-konvenuta ghandha tghaddi lill-attur is-somma ta' €12,514.29 rapprezentanti flus bankarji mill-kontijiet tal-

konvenuta, kif ukoll sehemhu mit-taxxa li giet rifuza lill-konvenuta;

ii) Il-hwejjeg parafernali tal-attur li huma frames, lampshades, old sewing machine, old kitchen scale, kitla, pozati tal-kcina, deheb tal-attur u ta' ibnu FK li jikkonsistu f'gizirajjen, brazzuletti, crieket u pendenti.

**<u>DECIDE</u>**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba in kwantu tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba sevizzi u eccessi kommessi da parti tal-attur ;

2. Tichad it-tieni talba attrici;

3. Tilqa' t-tielet talba attrici u tillikwida u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti hekk kif gie deciz fis-sottotitolu "Komunjoni tal-Akkwisti."

4. Tichad ir-raba' talba attrici u tordna li l-minuri E jigi fdat fil-kura u kustodja esklussiva tal-konvenuta.

5. Tilqa' l-hames talba attrici u tiddikjara li l-access ghandu jigi ezercitat kif deciz fis-sottotitolu " Access."

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-attur.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**